**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 12

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 25 ta' Marzu 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:15 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ħadd assenti b'aploġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 11

12.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħdax- il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

12.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

12.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tal-ħdax-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-laqgħa ma' uffiċċjali mill-Ministeru tat-Trasport u l-OPM, dwar materji pendenti tal-Kunsill Lokali u xi lmenti tar-residenti. Il-materja/ilmenti pendenti li ġiet mressqa kienet dik kif spjegat hawn taħt:

a. Fi Triq tal-Mirakli: Culvert għal ġbir ta' l-ilma tax-xita,
b. Fi Triq Annibale Preca: Garaxxijiet li qed jerqu,
c. Fi Triq Annibale Preca Sqaq nru 2: biex jingħata wiċċ ġdid f'dan l-isqaq ( parti pubblika u parti privata tar-residenti),
d. Fi Annibale Preca: Problema ta' dħul ta' dranaġġ fil-basement ta' żewġ garaxxijiet,
e. Fi Triq il-Kbira: Problema ta' Culvert li jagħmel ħafna ħsejjes,
f. Fi Triq il-Kbira: Culvert li bih jinġabar l-ilma tax-xita jagħmel ħafna ħsejjes viċin il-garaxx tal-Percius,
g. Fi Triq il-Kbira: Parti mit-Triq iżżomm l-ilma ħdejn il-maħżen ta' l-armar.
h. Fi Triq is-Salvatur: Minn meta sar wiċċ ġdid f'din it-triq ġiet teqleb kontra u qed jidħol ħafna ilma fil-basement ta' dar,
i. Fi Triq in-Naxxar: Il-Problema taz-zebra crossing ħdejn iċ-ċimterju, u
j. Fi Triq in-Naxxar: Installazzjoni ta' speed cameras kull naħa taċ-Ċimiterju.

12.3.2 Is-Sur Dalli spjega kif waqt l-aħħar seduta li kellu tar-Reġjun Lvant, għal darba oħra reġgħa ġie diskuss li jinħareġ kuntratt (tender) wieħed bejn il-lokalitajiet kollha biex jingħata servizz tal-bdil tal-bozoz. Is-Sindku kompla jgħid kif fil-Kunsill preċedenti ma kienx hemm qbil dwar li għandu jsir hekk peress li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għandu diġa kuntratt u servizz tajjeb ħafna. Il-fehma tal-Kunsill baqgħet filfatt l-istess wara l-ispjegazzjoni tas-Sur Dalli.

## 12.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

12.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm, però s-Sinjura Farrugia Muscia kellha mistoqsija żgħira li għamlet lis-Sindku dak il-ħin.

12.4.2 Is-Sinjura Farrugia Muscia staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm update mingħand tal-BCRS dwar il-hub u s-Sindku wieġeb li risposta le ma kienx hemm mingħand tal-BCRS wara li l-Kunsill ta il-proposta ġdida tiegħu ta' fejn tista ssir din il-hub.

## 12.5 Korrispondenza

12.5.1 Għal din is-seduta ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera dwar ir-rapport tal-korrispondenza.

## 12.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita' – L-Ewwel laqgħa għas-sena 2025

12.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulati fi atiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. L-ewwel laqgħa annwali għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April ta' kull sena fejn fiha jiġi ppreżentat r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

12.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif ir-rapport amministrattiv diġà ġie kkumpilat minnha u poġġiet kopja tiegħu fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-Kunsilliera kollha. Dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu. Ir-rapport finanzjarju diġà ġie approvat fis-seduta preċedenti u l-pjan ta' Ħidma ser jiġi preżentant għall-approvazzjoni f'din is-seduta stess. Is-Sinjura Seguna fakret ukoll lil Kunsilliera malajr kemm jista jkun jibgħatu r-rapporti ta' ħidma tagħhom biex dawn jiddaħlu fir-rapport amministrattiv ukoll.

12.6.3 B'mod unanimu kien hemm qbil biex din il-laqgħa annwali ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill fil-15 t'April 2024 fis-5:45pm.

## 12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Pjan ta' Ħidma (Business Plan) 2025-2029

12.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja tar-rapport tal-pjan ta' ħidma (business plan) għall-perjodu 2025-2029. Dan ir-rapport ġie preparat bl-għajnuna tal-*accountant* inkonnessjoni mar-rapport finali tal-estimi finanzjarji għas-sena 2025, li ġie approvat fis-seduta li għaddiet. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'imejl lil kunsilliera kollha. Preżenti waqt din il-laqgħa ma setax ikun hemm l-*accountant* tal-kunsill u l-ispjegazzjoni ta' dan ir-rapport ingħatat mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv.

12.7.2 Is-Sindku spjega kif dan il-pjan ta' ħidma ġie ppreparat abbażi tal-budget 2025. Barra minn hekk dan il-pjan ta' ħidma simili ħafna għal pjan ta' ħidma li kien ġie preżentant għal ħames snin ta' qabel, biss hemm xi tibdiliet żgħar. Is-Sindku wara qara u spjega fid-dettal l-overview tal-pjan ta' ħidma, li din ġiet ippreparatha minnu stess flimkien b'konsultazzjoni mas-Sinjura Seguna.

12.7.3 Wara l-ispjegazzjoni, is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet. Mistoqsijiet ma kienx hemm u dan ir-rapport ġie unanimament approvat fuq proposta tal-Kunsillier Carl Betts li kien issekondat mill-Kunsilliera Diane Abela Penza.

## 12.8 Preparazzjonijiet Għal Jum Ħal Lija 2025

12.8.1 Is-Sindku qal kif bħas-soltu Jum Ħal Lija jiġi ċċelebrat fis-6 ta' Lulju,li din is-sena ġej il-Ħadd. Huwa qal kif l-amministrazzjoni flimkien miegħu ser jibdew jippreparaw biex jinħarġu l-applikazzjonijiet tan-nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħal Lija.

12.8.2 Aktar il-quddiem umbgħad is-Sur Dalli qal kif ser jibda il-proċess tal-loġistika għal din l-attivita. Is-Sur Dalli qal lil Kunsilliera li fil-fehma tiegħu fil-Milied 2025 m'għandix issir il-bibita għaliex l-attendenza xorta mhux tkun waħda kbira. Huwa tal-opinjoni li din il-bibita għas-sena 2025 ssir fi Jum Ħal Lija. Huwa qal lil Kunsilliera biex jaħsbu fuqha din il-ħaġa għaliex fl-opinjoni tiegħu tagħmel aktar sens li din issir f'Jum Ħal Lija biex anke dawk li jattendu jingħataw xi ħaġa aktar minn kafè u te biss. Din hija xi ħaġa li ser tkompli tiġi diskussa aktar il-quddiem kif joqrob iż-żmien u alissa l-Kunsill ser jiffoka fuq l-ħruġ tal-applikazzjonijiet.

## 12.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

12.9.1 <u>Aġġornament dwar Appell NRU 00131/24 -LGP Tanks (PA/00973/23)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku taw aġġornament lil Kunsilliera dwar l-appell li kien ilu għaddej fuq l-applikazzjoni tal-LGP Tanks. Fl-aħħar seduta li saret onlajn is-Sindku qal kif l-avukata li qed tirrapreżenta lil Kunsill, Dr. Claire Bonello, baqgħet issostni l-argumenti tagħha kontra din l-applikazzjoni kif dejjem għamlet.

12.9.2 Id-Deċizjoni ta' dan l-Appell issa skedatha biex tittieħed nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu 2025 fi 1:15pm. L-avukata li qed tirrapreżenta l-Kunsill, Dr. Claire Bonello, nfurmat lil Kunsill li f'każ li d-deċiżjoni tittieħed favur l-applikant, il-Kunsill jista jikkunsidra jkompli b'appell ieħor mal-Qorti. Biex issir dan l-appell mal-qorti hemm spiża ta' 656 EUR u dan irid isir sa 20 ġurnata minn wara s-sentenza tas-27 ta' Marzu.

12.9.3 Is-Sindku, s-Sur Dalli għamilha ċara kif huwa ma jħossx li l-Kunsill Lokali għandu jasal sal-estrem li jidħol il-qorti għaliex dmiru għamlu mal-MEPA. Huwa qal kif il-Kunsill darba daħal il-Qorti dwar applikazzjoni tal-Ippjanar u xorta ma kienx il-Kunsill li fetaħ il-kawża, iżda resident u l-Kunsill kien biss issieħeb mar-resident biex ikun ta' appoġġ, f'isem ir-raħal kollu. Huwa sostna li l-Kunsill għalhekk m'għandux jidħol l-Qorti ta' xejn biss wieħed xorta dejjem irid jikkunsidra s-sigurta tan-nies li jogħodu fil-viċinanzi fosthom l-iskola Primarja li fiha jattendu ħafna tfal.

12.9.4 Wara diskussjoni żgħira li saret bejn il-membri kollha, ġie deċiż li alissa l-Kunsill ser jistenna u jara kif ser tinqata s-sentenza. Jekk din tinqata favur l-applikant, is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb b'mod immedjat tinforma lill-Kunsilliera kollha biex kulħadd jagħti l-ħsibijiet tiegħu dwar jekk jaqbilx jew le, li l-Kunsill għandu jħallas biex jagħmel appell u jidħol il-Qorti.

12.9.5 <u>Imejl mingħand l-iskola primarja – Għotja ta' kotba</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda imejl mibgħuta mis-Surmast tal-iskola Primarja, fejn din l-imejl is-surmast qed jistaqsi jekk il-Kunsill Lokali jistax jgħin lill-iskola b'attivita li ser ikollhom fix-xahar ta' Mejju. Is-Sa Seguna qrat l-imejl fid-dettal u qalet kif din l-istess imejl intbgħatet ukoll lil Kunsill ta' Balzan u Iklin.

12.9.6 Il-Kunsill unanimament qabel li tista tingħata l-għajnuna bl-ammont ta' 150 EUR biss, kif għamlu l-Kunsilli ta' Ħal Balzan u l-Iklin.

12.9.7 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni biex jinxtara Protection cover tal-canvas għall-playingfields</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsilliera kollha biex jinxtara xi tip ta' Protection cover bħal bi canvas biex iservi ta' protezzjoni għall-playingfields, mix-xemx. B'dan il-protection cover tfal xorta jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-bandli kemm fis-sajf meta x-xemx tkun qaliela, mingħajr restrizzjonijiet. Din se tkun Protection cover li tibqa dejjem hemm u tiżżarma biss fil-festa minħabba n-nar u bħala għoli sintendi mhux ser tkun għolja aktar mill-bini, mal-għoli tan-netting tal-grawnd.

12.9.8 Il-Kunsill unanimament qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tmexxi billi iġġib il-kwotazzjonijiet kif dejjem isir.

12.9.9 <u>SPI/SCI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026' li b'permezz ta' din l-iskema il-Kunsill jkun jista jtella attivitajiet tal-Karnival. Din l-iskema tkopri attivitajiet bejn il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2026 u t-Tlieta 17 ta' Frar 2026. L-attivitajiet jridu jkunu miftuħa b'xejn għall-pubbliku. Il-Kunsill jista japplika għall-attivita waħda biss u din l-iskema tiffinanzja sa massimu ta' 5,000 EUR. L-applikazzjoni trid tidaħħal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2025.

12.9.10 Is-Sinjura Diane Abela Penza ssuġġeriet li ssir xi tip ta' ikla jew ballu bil-kostumi għal kbar. Is-Sinjura Farrugia Muscia qalet li jista anke jkun hemm xi karrijiet fuq il-post. Pero din l-iskema ser terġa tiġi mtella għal darba oħra peress li ma kienx hemm qbil dwar x'applikazzjoni tista tiġi sottomessa. Is-Sur Dalli għamila ċara li jekk ser issir xi attività l-Kunsill ser ikollu iqabbad lil xi organiser jieħu ħsieb l-attivita mill-bidu sal-aħħar, għaliex huwa ma jiflaħx aktar li jtella attivitajiet ta' natura kbira bħal tal-Festival taċ-ċitru, għaliex jinvolvu ħafna u ħafna xogħol.

12.9.11 <u>SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'Fond ta' manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali' li b'permezz ta' din l-iskema proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali fil-komunita jiġu miżmuma fi stat tajjeb. Il-Kunsill jista japplika għal proġett wieħed biss li jrid jitlesta sat- 30 ta' April 2027. Din l-iskema tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' 30,000 EUR u l-Kunsill obbligat joħroġ 15% mal-ammont mogħti lilu. L-applikazzjoni trid tidaħħal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025.

12.9.12 Is-Sindku qal kif permezz ta' din l-iskema skond parir li ngħata mid-Dipartiment, il-Kunsill aktarx ikun jista japplika għal Protection cover tal-playing fields. Pero din l-iskema ser terġa tiġi mtella għal darba oħra peress li ma kienx hemm qbil dwar x'applikazzjoni tista tiġi sottomessa.

12.9.13 <u>SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita' li b'permezz ta' din l-iskema il-Kunsill jkun jista jagħmel proġett li jtejjeb aktar il-kwalita tal-ħajja tar-residenti. Il-Kunsill jista japplika għal proġett wieħed biss u jrid ikun lest sat- 28 ta' Mejju 2027. Din l-iskema tiffinanzja 85% sa massimu ta' 100,000 EUR u l-Kunsill irrid joħroġ is-somma tiegħu ta' 15%. L-applikazzjoni trid tidaħħal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2025.

12.9.14 Il-Kunsill iddeċieda li din l-iskema ser terġa tiġi mtella għal darba oħra peress li ma kienx hemm qbil dwar x'applikazzjoni tista tiġi sottomessa.

12.9.15 SPI/SCI/08/2025 – Espressjoni ta' Interess – Tagħna tfal skema ulied il-Kunsilliera waqt laqgħat statutorji (Childminding)
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'Espressjoni ta' Interess – Tagħna tfal skema ulied il-Kunsilliera waqt laqgħat statutorji (Childminding)'. Hija nfurmat lil Kunsilliera li b'permezz ta' din l-iskema jkun jista jingħata servizz ta' childminding għat-tfal tal-membri u uffiċċjali tal-Kunsill. Din l-iskema tiffinanzja 80% tal-ammont mitlub bil-quddiem u l-Kunsill jista japplika sat-28 ta' Marzu.

12.9.16 Il-Kunsill iddeċieda li jista japplika għal din l-iskema jekk is-Sa Seguna għandha bżonn l-għajnuna għaliex alissa din iċ-ċirkulari essaċ lilha biss tikkonċerna l-aktar s'issa.

12.9.17 Ħlasijiet kontijiet tal-Arms u Sistema Ġbir ta' Karti tal-identita' – AKL
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil Kunsilliera kif il-Kunsill irċieva żewġ imejls mingħand l-AKL fejn ġie mistoqsi jekk il-Kunsill mhux interess joffri żewġ servizzi ġodda mill-Kunsill; dawk tal-Ġbir tal-karti tal-identita' u kif ukoll ħlasijiet tal-kontijiet tal-ARMS. Alissa l-Kunsill ġie mitlub biex juri jekk għandux interess u l-AKL qed tiġbor biss id-dettalji ta' min huwa interessat. Għadt m'hemm xejn definit li dawn is-servizzi ser jibdew jingħataw żgur mill-Kunsilli Lokali.

12.9.18 Il-Kunsill iddeċieda li huwa nteressat japplika biex ir-residenti jkunu mgħoqdija, biss bil-kundizzjoni li l-Kunsilli ġirien ukoll ikunu nteressati għaliex ma jistax jkun li jaqa x-xogħol kollu tal-ħlasijiet u l-ġbir tal-karti tal-identita fuq il-Kunsill ta' Ħal Lija. Jekk il-Kunsilli ta' Balzan, Attard u Iklin mhux ser jaċċettaw li joffu dawn iż-żewġ servizzi l-Kunsill ta' Ħal Lija ser jerġa jaħsiba għaliex inkella r-residenti ta' dawn l-akwati kollha ġejjin il-Kunsill ta' Ħal Lija u l-amministrazzjoni mhux ser tkun tiflaħ għal dan il-piż kollu.

12.9.19 Tabella Triq Annibale Preca
Tressqet talba mingħand resident b'imejl biex titweħħel tabella biex karozzi ma jdoqqux horn fi Triq Annibale Preca qisu viċin ta' dar nru 161.

12.9.20 Is-Sindku qal li l-MVR tgħid li bil-lejl ma jistax jindaqq il-ħorn u l-Kunsill irid joqgħod attent għaliex jekk titweħħel tabella waħda tintalab postijiet oħra kif ġara bil-humps u l-mirja. Għalhekk ġie deċiż li s-Sindku sejjer jagħmel spezzjoni fuq il-post u filkas javviċina lir-resident dwar din il-kwistjoni.

12.9.21 Approvazzjoni- Spiża Bandalora tal-Kunsill
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-Kunsill kollha l-ispiża biex tinxtara Bandalora ġdida, kif kien diġà ġie diskuss fis-seduta li għaddiet. Is-Sindku spjega kif ħa jġib ir-ritratti tagħha biex jaraha kulħadd ħalli filkas tiġi ordnatha malajr kemm jista jkun.

12.9.22 Il-Kunsilliera ħada nota u approvaw din l-ispiża.

12.9.23 Għajnuna Skola primarja – Rimi ta' Skart Goff
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera kollha kif il-Kunsill ta l-għajnuna tiegħu lill-iskola primarja biex ikun jista jsir rimi ta' skart goff li kien jikkonsisti fi rubber tiles ta' play area, mal-Wasteserv, dan wara li l-Kunsill ġie avviċinat mis-Surmast. Din l-ispiża ġiet tiswa 232.22 EUR.

12.9.24 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-ispiża u spiża bħal din mhux ser terġa ssir għaliex il-Kunsill ma jistax jkun kull darba iħallas dawn l-ammonti.

## 12.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

12.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 03/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €45.23 għax-xahar ta' Frar 2025.

12.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 03/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 12.11 Mozzjonijiet

12.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 12.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

12.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom:
PA 01421/25 – 45, Triq il-Mitħna, Lija;
PA 01414/25 – 2, Alley 2, Triq id-Dejqa, Lija;
PA 01472/25 – Vacant Plot, Triq Giuseppe Cali, Lija;
PA 01491/25 – 68 & 70, Triq il-Kbira c/w Triq il-Kbira, Sqaq Nru 1, Lija;
PA 05426/24 – Plot 9, Triq il-Mosta, Lija.

12.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

12.12.3 Il-Kunsill iddeċieda li jerġa jitħadded sew mat-town planner u jekk filkas tikteb ittra ta' rappreżentazzjoni għal:
PA 01421/25 – 45, Triq il-Mitħna, Lija;
PA 01414/25 – 2, Alley 2, Triq id-Dejqa, Lija;
PA 01472/25 – Vacant Plot, Triq Giuseppe Cali, Lija;
PA 01491/25 – 68 & 70, Triq il-Kbira c/w Triq il-Kbira, Sqaq Nru 1, Lija;
PA 05426/24 – Plot 9, Triq il-Mosta, Lija.

## 12.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

12.13.2 Il-Viċi Sindku nforma lil Kunsilliera kif fid-9 t'April ser ikun qed jaħdem biex issir ħarġa l-Isla, flimkien mas-Sindku u anke bl-għajnuna tas-Sindku tal-Isla. Il-Flyer ser joħroġ dalwaqt. Huwa qal kif wara din il-ħarġa umbgħad ser jibda jaħdem biex issir ħarġa oħra f'Ħamis ix-xirka tal-visti tal-vari, aktarx is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ.

12.13.3 Il-Viċi Sindku qal li kelmitu residenta dwar problema ta' skart fi Triq Ġeraldu Azzopardi. Xi ħadd, li hija għandha anke filmati tiegħu mill-camera qed jpoġġilha l-borża tal-iskart quddiem il-bieb. Huwa staqsa jekk mhux possibbli forsi nsibu min hi din il-persuna u nkelmuha jew inkelmuh bil-kelma it-tajba. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li jekk din ir-residenta għandha l-filmat jew tkellem lil persuna dirett hi jew inkella taqbad il-filmat u tibgħatu lil awtoritajiet ikkonċernati biex din il-persuna tiġi jew jiġi mħarrek. Is-Sindku kompla jgħid li din hija kwistjoni bejn ir-residenti u l-Kunsill mhux ser joqgħod jidħol f'dawn l-affarijiet.

12.13.4 Is-Sa Farrugia Muscia tkellmet dwar il-laqgħa li hija organizzat riċenti bl-għajnuna tal-Ministeru fl-interess tal-cat feeders tar-raħal. Fil-qosor hija qalet kif ġie spjegat lil cat feeders li alissa mhux ser jinħarġu aktar skemi tal-ikel u dis-sena ser toħroġ biss skema ta' shelters. Is-Shelters ħa jridu jkunu standardized biex ta' kull lokalita jkunu konformi bħala stil. Is-Sindku qal kif il-Kunsill diġà għandu shelters u wieħed irid joqgħod attent ukoll fejn dawn jitpoġġew.

12.13.5 Is-Sa Farrugia Muscia fakret lil Kunsill biex jiġi ordnat il-bukkett għal Jum il-Ħelsien kif dejjem sar.

12.13.6 Is-Sa Farrugia Muscia tkellmet ukoll dwar dik l-area bil-ħamrija maġenb il-passaġġ li hemm fil-ġnien u ħdejn tat-tennis/boċċi. Hija staqsiet jekk din tistax titnaddaf u tingħalaq sew darba għal dejjem, mhux b'nett imma xi ħaġa li biha possibilment bl-ebda mod ma tkun aċċessibbli, għaliex kollha mimlija ħmieġ tal-klieb u anke klieb qed jitħallew jiġru fiha. Is-Sindku qal kif hemmhekk xi ħadd qala parti mill-fencing b'vandaliżmu u filfatt il-ħaddiema tal-Kunsill ġew assenjati biex jerġgħu jagħlquh b'xibka pulita mar-railing. Preżenti fuq il-post is-Sur Dalli spjega kif anke ma' persuna mis-Sanita ltaqa' peress li kien hemm xi lmenti u ħsibijiet li hemm il-ġrieden. Fil-jiem li ġejjin anke ser ikunu qed isiru aktar kaxxi tal-velenu xi erba' oħra għaliex diġà hemm sitta fil-ġnien.

12.13.7 Is-Sa Abela Penza spjegat kif hija akkwistat kwotazzjoni waħda għal kaxxa tal-AED biex titpoġġa fil-pjazza u bgħatitha lill-Kunsill. Il-Kunsill issa ser jaħdem biex iġġib żewġ kwotazzjonijiet oħra apparti dik li ġabet is-Sa Abela Penza.

12.13.8 Il-Kunsillier Betts qal li l-Kunsill tat-Tfal beda jopera u din l-inizjattiva intlaqgħet tajjeb ħafna mit-tfal li kienu preżenti. It-Tfal huma ferm interessati u ħarġu b'ideat sbieħ u interessanti li ta ma jikkunsidrahom għall-implentazzjoni fil-futur, bħal sports day.

12.13.9 Il-Ħin kien 7:15pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' April 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-5:15pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 22 ta' April 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |